MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 251/2000/1

**Avviz numru 251/00DM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Alesco Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ tmien mija tnejn u tletin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm832.93) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 806634 skond kif jirrizulta mill-anness mal-avviz Dokumenti Dok A, B u C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz tal-ittra ufficjali tas- 17 ta' Marzu, 1999 tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat id-dokumenti esibiti u semghet bil-gurament lil PL Noel Scerri rapprezentant tal-kumpanija attrici issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghalhekk il-Qorti qeghdha ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm832.93) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------